MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 58/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alfred Xuereb talli fis-16 ta' Dicembru 2003 u fiz-zminijiet precedenti, fuq il- Monti tal-Belt u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura; jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom

indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` baseball caps bil-marka Nike allegatament foloz;

b) Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew b'mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta;

c) Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh jew qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassmu minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja jew bhala parti minn attivita` koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta;

d) sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati datati 13/11/2002, 30/9/2002, kif ukoll kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152 u l-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 b'sentenzi tal-Qorti datati 3/9/2002 u 11/6/2003.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti u tirrevoka l-licenzja ta' fixed hawker mahruga f'isem Alfred Xuereb;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Frar 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Alfred Xuereb hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt liri Maltin (Lm500) kwantu l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ewwel parti tar-raba' imputazzjoni, u baghtet lill-appellant (allura imputat)

quddiem dik il-Qorti li kienet illiberatu b'kondizzjoni, sabiex tittratta mieghu dwar il-ksur ta' l-istess liberazzjoni u dan kwantu t-tieni parti tar-raba' imputazzjoni. Inoltre ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-oggetti esebiti u ordnat is-sospensjoni tal-licenzja ta' l-appellant bhala fixed hawker ghal perijodu ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Alfred Xuerebipprezentat fit-08 ta' Marzu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija w piena jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-istess f'dik il-parti koncernanti l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) huwa ma seta' qatt jinsab hati tat-tielet imputazzjoni fejn il-prosekuzzjoni kienet qed tinvoka l-Avviz Legali 120 tas-sena 1992 peress illi dak l-Avviz Legali jikkontempla biss mizura amministrattiva, u ghalhekk isegwi li lanqas ma kienet gustifikata l-Ewwel Qorti li tordna s-sospensjoni tal-licenzja ta' *fixed hawker* a tenur ta' l-imsemmi Avviz Legali; (2) minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ma setax jinsab hati tat-tielet imputazzjoni peress illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova x'licenzja ghandu l-appellant mahruga f'ismu; (3) minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, is-sejbien ta' htija tal-appellant ma kinitx gustifikata in vista ta' l-ispjegazzjoni li ta l-appellant dwar kif il-brieret kienu gew ghandu u stante li r-relazzjoni peritali kienet wahda fallaci.

Kwantu ghall-ewwel aggravju jirrizulta illi l-prosekuzzjoni, permezz tat-tielet imputazzjoni, invokat id-disposizzjonijiet ta' l-Avviz Legali 120 tas-sena 1992. Fil-kuntest tal-kawza odjerna dawn id-disposizzjonijiet jipprovdu essenzjalment li min ikollu licenzja tal-Pulizija biex izomm hanut jew licenzja ta' *hawker* u b'xi mod ikollu ghall-bejgh jew ibiegh

xi haga bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u li jkunu protetti bil-ligi ta' Malta jew taht il-ligi ta' Malta, jitqies li jkun qieghed izomm dak il-hanut jew dik il-posta minghajr id-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Ghalhekk, kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Eugenio Frantz** fis-sentenza ta' l-24 ta' April 2002, proprjament ir-reat ipotizzat b'din it-tielet imputazzjoni huwa, fil-kawza odjerna, dak li kien kontemplat fl-artikolu 181(1) tal-Kap. 10. L-artikolu 181 tal-Kap.10 thassar bis-sahha ta' l-artikolu 33 ta' l-Att XXVII tas-sena 2001. Konsegwentement, kif tajjeb osserva l-appellant, meta l-imsemmi artikolu thassar "ebda persuna ma setghet titqies kriminalment responsabbli ta' tali imputazzjoni". Ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

L-appellant ghandu ragun ukoll jghid li l-Ewwel Qorti ma setghetx tissospendi l-licenzja ta' l-appellant a tenur ta' l-imsemmi Avviz Legali 120 ta' l-1992, u dan peress illi l-mizura li tipprovdi ghaliha dan l-Avviz Legali hija mizura amministrattiva u mhijiex esegwibbli mill-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali. Difatti s-subartikolu (2) tar-regolament numru 2 ta' dan l-Avviz Legali jipprovdi li f'kaz ta' ksur tal-provvedimenti ta' l-imsemmi Avviz Legali, id-detentur ta' licenzja jitqies li jkun qed jagixxi minghajr il-licenzja xierqa u l-imsemmija licenzja tiskadi awtomatikament ma' dak il-ksur jew nuqqas, "izda l-Pulizija ma ghandha tiehu ebda azzjoni amministrattiva jew azzjoni ohra fuq il-bazi ta' l-iskadenza awtomatika hawn fuq imsemmija qabel ma l-fatt li jikkostitwixxi l-ksur jew nuqqqas <u>ikun gie stabbilit bi jew f'xi decizjoni finali ta' qorti"</u> (sottolinear ta' din il-Qorti). L-Ewwel Qorti setghet, kieku riedet, tissospendi l-licenzja a bazi ta' disposizzjoni differenti tal-ligi, izda dan m'ghamlitux u ghalhekk l-appell f'dan ir-rigward ghandu jigi milqugh.

Stante li l-ewwel aggravju sejjer jigi milqugh fl-intier, m'hemmx lok li jigi kkunsidrat it-tieni aggravju u ghalhekk sejjer jigi kkunsidrat issa t-tielet aggravju li jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u kif dejjem gie ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-

Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti fil-fatt ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura mill-Ewwel Qorti biex tara jekk dik il-Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant.

Il-provi jistghu jigu riassunti hekk:

**L-Ispettur Helga Debono** xehdet illi fis-16 ta’ Dicembru 2003 baghtet lil P.C. 561 Portelli u lil P.C. 290 Formosa fuq il-Monti sabiex jaghmlu xi spezzjonijiet u jaraw jekk hemmx xi oggetti kontrafatti li qeghdin jinbieghu. Dawn elevaw hames brieret “Nike” minn fuq il-posta ta’ l-appellant. Hija baghtet ghall-appellant fl-24 ta’ Jannar 2004 meta rrilaxxja stqarrija fejn qallha li l-brieret in kwistjoni kienu *samples* li minghalih li originali u kien xtrahom Lm2.50 u kien ser ibighhom Lm3.50. Qal li kien xtrahom minghand wiehed li jigi minnu u li ma riedx isemmi ismu. Hija esebiet l-istqarrija, il-kwerela, zewg sentenzi fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Alfred Xuereb” u l-brieret in kwistjoni.

**Dott. Antoine Camilleri** xehed ghall-ewwel darba fit-2 ta’ Marzu 2004 u kkonferma l-kwerela datata 10 ta’ Dicembru 2003 (Dok. HD2 a fol. 15) u l-prokura specjali mahruga mis-socjeta` estera Nike International Ltd. favur Mamo TCV Advocates (fol. 16 – 18). Huwa qal li ghalih il-brieret in kwistjoni mhumiex originali u spjega li l-brieret originali jrid ikollhom certu tip ta’ tikketti minn gewwa li huma neqsin fuq il-brieret esebiti. Dawn it-tikketti, qal ix-xhud, ikollhom kodici uniku li jindika minn liema fabbrika gew manifatturati, il-*washing instructions* u l-*care and contents* tal-berritta. Fuq mistoqsijiet tad-difiza qal li ma setax jikkonferma jekk in-Nike ghandhomx *policy* li jekk ikollhom prodotti difettuzi xorta jbighuhom, li ma jafx jekk jaqbdux u jarmuhom u li zball jista’ jkun hemm. Meta rega’ xehed fit-23 ta’ Marzu 2004 esebixxa berritta originali li giet immarkata bhala Dok. AC5 u ndika li dawn il-brieret dejjem ikollhom tikketta.

**P.C. 290 Jean Paul Formosa** xehed li fis-16 ta' Dicembru 2003 kien qieghed jaghmel spezzjoni l-Monti l-Belt flimkien ma' P.C. 561 Portelli u met avvicinaw it-tilar ta' l-appellant raw hames brieret li ssuspettaw li ma kinux originali. Fittxew biex jaraw hemmx affarijiet ohra izda ma sabu xejn. Elevaw dawn il-brieret, l-istess li gew esebiti mill-Ispettur Helga Debono.

**P.C. 561 David Portelli** kkorrobora dak li qal P.C. 290 Formosa.

**Horace Anastasi** gie nominat bhala espert biex jirrelata dwar il-brieret (Dok. HD5) u fir-relazzjoni tieghu kkonkluda li l-ebda wahda minn dawn il-brieret ma hi originali.

L-appellant jghid li minn dak li huwa stqarr lill-Pulizija huwa evidenti li l-element tax-xjenza rikjesta ghall-finijiet ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu kienet nieqsa u li hu stess seta' kien imqarraq dwar il-kwalita` vera tal-brieret. Kwantu ghar-relazzjoni peritali mbaghad jghid li r-ragunijiet moghtija mill-perit tekniku kienu ragunijiet frivoli u kongetturali u li huwa kkonkluda li anki l-oggetti esebiti bhala originali mill-parti civili kienu prodott mhux originali.

Wara li din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi ma tarax li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti meta fl-apprezzament tal-fatti rriteniet li l-prosekuzzjoni kienet ippruvat l-imputazzjonijiet addebitati lill-appellant, salv dak li ser jinghad aktar 'il quddiem.

L-ewwelnett jigi osservat li, kuntrarjament ghal dak li qal l-appellant dwar il-konkluzjoni peritali, il-perit tekniku ma kkonkludiex li l-berritta esebita minn Dott. Antoine Camilleri ma kinitx originali. Jekk wiehed jaqra b'attenzjoni r-relazzjoni u x-xiehda li ta l-espert tekniku fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2004, jirrizulta li huwa jaghmel distinzjoni bejn "l-esebiti" u "l-original", ta' l-ewwel il-hames brieret li gew elevati mill-posta ta' l-appellant u li l-konkluzjoni tieghu li mhumiex originali tirreferi ghalihom, ta' l-ahhar il-berritta hamra li giet esebita bhala originali. Kwantu ghall-konkluzjoni tieghu li l-imsemmijin hames brieret mhumiex originali, bizzejjed issir referenza ghal dak li l-espert

tekniku jindika fir-relazzjoni tieghu li kull berritta tan-Nike jkollha “tikketti b’**Care & Content Instructions** fi 22 ilsien, b’9 ilsna minn fejn originat, NIKE item (IM) /-/ … … (Numru), li il-*Hangtags* huma ta’ kulur **bajdani, griz** jew **sewdieni** u li ghandhom id-data meta stampawhom u li n-numru li juri l-istil huwa b’sitta waqt li dak li juri l-kulur huwa bi tlieta, u li l-prodotti ta’ Nike ilhom mis-sena 1996 bis-SWOOSH bhala logo”. Mill-brieret elevati minghand l-appellant l-ebda wahda minnhom ma fiha tikketti bhal dawn. Minbarra mbaghad dak li qal dwar il-ponot tas-SWOOSH, hemm ukoll il-kumment tieghu f’pagna 7 tar-rapport dwar l-irrakmar li “m’huma irfinuti xejn”. Ghalhekk il-konkluzjoni li l-hames brieret Dok. HD5 mhumiex originali hi certament gustifikata.

Kwantu mbaghad ghal dak li qal l-appellant dwar in-nuqqas ta’ *scientia* da parti tieghu, u in vista ta’ dak li sejra tiddisponi din il-Qorti, huwa rilevanti l-artikolu 302 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

“Fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(f), jitqies li l-akkuzat mexa dolozament, kemm-il darba ma jippruvax –

(a) illi, wara li ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiz-zmien li ghamel id-delitt li fuqu jkun akkuzat, ragun jahseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u

(b) illi, meta gie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-taghrif kollu li seta’ jaghti dwar il-persuni li minn ghandhom gieb dik il-merkanzija; u

(c) illi mill-bqija huwa mexa bla hazen.”

Issa ghalkemm fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija l-appellant qal li “minghalih” li l-brieret kienu originali u aktar tard ghal mistoqsija specifika jekk humiex originali wiegeb fl-affermattiv, jirrizulta mill-istess stqarrija li huwa kien ilu hames snin ibiegh hwejjeg u CDs fuq il-Monti u li jaf li huwa kontra l-ligi li tbiegh oggetti kontrafatti. Ghalhekk meta ra n-natura tal-brieret li gew offruti lilu, dan kellu jkun bizzejjed biex ghajnu tghokru minnhom u jirrifjutahom. Il-fatt imbaghad li naqas milli jsemmi l-isem tal-persuna

minghand min suppost xtrahom ma tghinx il-kontenzjoni tieghu waqt l-istqarrija li kienu originali u gie li naqas ukoll minn dak li jiddisponi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 302 tal-Kodici Kriminali appena citat.

L-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet kif dedotti u sahansitra ccitat l-artikoli 298(1)(a)(b)(c) u (f) minghajr ma ddistingwiet bejn id-diversi ipotesijiet kontemplati f'dawk il-paragrafi. Effettivament mill-ipotesijiet imsemmija jirrizulta biss parti minn dak li hemm kontemplat fil-paragrafu (f), cioe` li xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni jew zamm ghandu ghall-bejgh merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq. Hekk ukoll kwantu ghall-ksur ta' l-artikolu 298B jirrizulta biss li l-appellant offra ghall-bejgh il-brieret in kwistjoni bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur.

In vista ta' dan kollu li ntqal u anke bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 (li ma giex applikat mill-Ewwel Qorti li pero` applikat l-artikolu 21 sabiex setghet taghti piena taht il-*minimum*) ghandu jkun hemm temperament fil-piena moghtija mill-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti pero` nnutat illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel parti tar-raba' imputazzjoni filwaqt illi kwantu ghat-tieni parti tar-raba' imputazzjoni baghtitu "quddiem dik il-Qorti li kienet illiberatu bil-kondizzjoni sabiex tittratta mal-imputat dwar il-ksur tal-istess liberazzjoni".

F'dawn il-proceduri gew esebiti mill-Ispettur Helga Debono kopji ta' zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, wahda tal-11 ta' Gunju 2003 (Dok. HD3) u ohra tat-13 ta' Novembru 2002 (Dok. HD4). Permezz ta' verbal registrat fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2004 id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli ggib il-prova ta' l-identita` tas-sentenzi esebiti. Ghalhekk l-imsemmijin zewg sentenzi ghandhom jigu kkunsidrati bhala sentenzi moghtijin fil-konfront ta' l-appellant odjern.

Is-sentenza Dok. HD4 hija rilevanti in kwantu l-ewwel parti tar-raba’ imputazzjoni fejn l-appellant gie akkuzat li sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Pero` huwa gie akkuzat li sar recidiv minhabba zewg sentenzi, wahda tat-13 ta’ Novembru 2002 u ohra tat-30 ta’ Settembru 2002. Ma gietx esebita kopja tas-sentenza tat-30 ta’ Settembru 2002 u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati wkoll li sar recidiv minhabba s-sentenza tat-30 ta’ Settembru 2002 izda biss minhabba s-sentenza tat-13 ta’ Novembru 2002 (Dok. HD4).

Kwantu ghat-tieni parti tar-raba’ imputazzjoni mbaghad, din tghid li l-appellant kiser il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kap. 152 u l-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 b’sentenzi tal-Qorti datati 03/09/2002 u 11/06/2003. Ma giet esebita l-ebda sentenza datata 3 ta’ Settembru 2002 izda biss is-sentenza tal-11 ta’ Gunju 2003 (Dok. HD3), ghalhekk, stante li l-appellant ikkommetta r-reati hawn involuti matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, il-Qorti li ghamlet dik l-ordni ta’ liberazzjoni kondizzjonata ghandha tittratta mieghu ghar-reati li dwarhom saret dik l-ordni b’kull mod li tista’ tittrattah li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dawk ir-reati.

Is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 23 tal-Kap. 446 jiddistingwi bejn x’ghandu jsir meta ssir dikjarazzjoni ta’ htija dwar reat li jkun sar matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata mill-istess Qorti li tkun ghamlet dik l-ordni u x’ghandu jsir meta tkun Qorti differenti. Fl-ewwel kaz dik l-istess Qorti ghandha tittratta mieghu wkoll dwar il-ksur tal-liberazzjoni kondizzjonata izda fit-tieni kaz ghandha tibaghtu quddiem dik il-Qorti li kienet ghamlet l-ordni.

Issa, meta l-ligi titkellem dwar “l-istess Qorti”, mhijiex qed tirreferi ghal “l-istess Magistrat” jew “l-istess Imhallef”. Fejn l-ordni ta’ liberazzjoni kondizzjonata tkun saret mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, huwa irrilevanti min kien jew kienet il-Magistrat li ghamel jew ghamlet l-ordni. L-ordni ghamlitha l-Qorti. Jekk saret ordni minn Magistrat Tizju u persuna tinsab hatja minn

Magistrat Sempronju li kkommetta reat matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa l-istess Magistrat Sempronju li jittratta mal-hati ukoll dwar ir-reat li ghalih tkun saret l-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata u ma jibghatx lil dik il-persuna quddiem Magistrat Tizju.

Fil-kaz odjern ghalhekk, il-Magistrat sedenti fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li sab lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, galadarba l-appellant gie li kkommetta r-reati odjerni waqt perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata moghti ukoll mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali izda diversament presjeduta, kellu jittratta lill-appellant anke ghar-reati li dwarhom kienet saret tali ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Tajjeb hawn li ssir referenza wkoll ghal dak li jipprovdi s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 446:

"Ghall-fini tas-subartikolu (1) –

(a) il-Qorti tal-Magistrati (Malta), il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u l-Qorti tal-Minorenni ghandhom jitqiesu bhala l-istess Qorti;

(b) il-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta tkun qeghda taqta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u l-Qorti tal-Minorenni ghandu jitqies li jkun Qorti differenti mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-determinazzjoni ta' appelli ghal decizjonijiet tal-Qorti Kriminali."

Din il-Qorti bhala Qorti ta' l-Appell Kriminali minn decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, filwaqt li sejra thassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie deciz li l-appellant jintbaghat quddiem dik li wara kollox hija "l-istess Qorti" u mhux Qorti differenti, mhijiex sejra tirrimetti l-process lill-Ewwel Qorti izda sejra tittratta l-appellant hi ghar-reati li dwarhom huwa kien inghata perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata bis-sentenza tal-11 ta' Gunju 2003.

B’dik is-sentenza l-appellant kien instab hati ghal ksur ta’ l-artikoli 298 (1)(a)(c)(d) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Pero` ndikat li kellu jkun applikabbli wkoll l-artikolu 21 tal-Kap. 9 li permezz tieghu l-piena ghandha tkun taht il-*minimum*. Il-piena applikabbli ghalhekk ghandha tkun dik tal-*multa*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni minghajr ma semmiet u ddistingwiet bejn id-diversi ipotesijiet kontemplati taht il-paragrafi (a), (b), (c) u (f) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 298 tal-Kodici Kriminali u minflok tiddikjara lill-appellant hati talli xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni jew zamm ghandu ghall-bejgh hames brieret b’marka, sinjal jew emblema mxebbhin b’qerq bi ksur ta’ l-artikolu 298(1)(f) tal-Kodici Kriminali u tiddikjarah mhux hati ta’ dik il-parti ta’ l-ewwel imputazzjoni kontemplanti l-artikolu 298(1)(a)(b) u (c) u minnha tilliberah, (2) tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ghal ksur tal-provvedimenti ta’ l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali izda b’referenza biss ghall-fatt li offra brieret ghall-bejgh bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur u bl-assorbiment ta' din l-imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni, (3) tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tielet imputazzjoni, tiddikjarah mhux hati ta’ dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, (4) tirrevokaha in kwantu sabitu hati talli sar recidiv b’sentenza tat-30 ta’ Settembru 2002, tiddikjarah mhux hati ta’ dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah izda tikkonfermaha in kwantu sabitu hati talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Novembru 2002, (5) tirrevokaha in kwantu sabitu hati li kiser il-provvedimenti ta’ l-artikolu 9 tal-Kap. 152 moghtija b’sentenza tat-3 ta’ Settembru 2002, tiddikjarah mhux hati ta’ tali imputazzjoni u minnha tilliberah izda tikkonfermaha in kwantu sabitu hati li kiser il-provvedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 moghtija b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Gunju 2003, (6) tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt liri Maltin (Lm500) dwar ir-reati addebitati lilu

b'dawn il-proceduri u in kwantu baghtet lill-appellant quddiem dik il-Qorti li kienet illiberatu b'kundizzjoni sabiex tittratta mieghu dwar il-ksur ta' l-istess liberazzjoni u minflok, u wara li rat ukoll l-artikoli 298(1)(a)(c)(d)(f) u 21 tal-Kodici Kriminali b'referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Gunju 2003 li dwarha qed tittratta mieghu mill-gdid, tikkundannah ghall-hlas ta' *multa* komplessiva ta' erba' mitt liri Maltin (Lm400), (7) tirrevokaha in kwantu ordnat is-sospensjoni tal-licenzja ta' l-appellant bhala *fixed hawker* ghal perijodu ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata, u (8) tikkonfermaha in kwantu ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tal-brieret Dok. HD5, b'dan li tali distruzzjoni ghandha ssir mir-Registratur ta' dawn il-Qrati li ghandu mhux aktar tard minn gimgha millum jipprezenta nota dwar id-distruzzjoni taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------